MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1541/2003

**Petrolea Limited**

**vs**

**Charles Saliba**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Awissu 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u erbatax il-lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm714.61) rapprezentanti bilanc minn somma akbar ta' oggetti li gew mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta'a ttrici lill-konvenut u dan fuq inkarigu tal-istess konvenut kif jirrizulta mill-fattura annessa ummarkata bhala Dok. A.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ seba’ mija u erbatax il-lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm714.61).

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------